MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 145/1988/1

**Salvu Sciberras**

**v.**

**Maria Giovanna u Giuseppa ahwa Sultana, u b'digriet tal-10 ta' Gunju, 1994, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Giovanna Sultana stante l-mewt ta' Giuseppa Sultana u b'digriet tat-12 ta' Gunju, 2003, stante l-mewt ta' Maria Giovanna Sultana fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Francis Sultana.**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Salvu Sciberras ("l-attur") ipprezenta citazzjoni fil-15 ta' Novembru, 1988, fil-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili kontra Maria Giovanna u Giuseppa ahwa Sultana ("il-konvenuti"). Fic-citazzjoni, l-attur ippremetta illi huwa ghandu bi qbiela porzjoni mill-art maghrufa bhala "Tal-Fellies" fil-Limiti tax-Xaghra, Ghawdex, liema inkwilinat huwa akkwista minghand il-konvenuti permezz ta' assenjazzjoni tad-drittijiet lokatizzji minghandhom. L-attur jippremetti wkoll li din l-assenjazzjoni kienet tinkludi l-jedd ta' passagg bil-vettura minn fuq il-bqija ta' l-istess art li kienet imqabbla lill-konvenut. Wara li l-attur ippremetta wkoll li l-konvenuti ghamlu diversi tentattivi sabiex jokkupaw l-art li kellha sservi bhala passagg ghalih, huwa talab lill-Qorti biex tinibixxi lill-konvenuti milli bi kwalunkwe mod jippruvaw jimblukkaw jew ifixxklu lill-attur fl-uzu tal-passagg ossia entrata li minnha huwa jidhol fl-art "Tal-Fellies".

2. Il-konvenuti kkontestaw it-talba b'nota ta' eccezzjonijiet li biha rrilevaw li t-talba ta' l-attur kienet infondata fil-fatt u fid-dritt stante li meta saret ic-cessjoni ta' parti mil-lokazzjoni ma nghata l-ebda access gdid u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda.

3. Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-26 ta' Gunju 2001, dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti cahdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu, wara li kkunsidrat hekk:

"Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed ifittex li tinghata ordni mill-Qorti lill-konvenuti, illum lil Maria Giovanna Sultana wahedha, peress li l-konvenuta l-ohra mietet fil-mori tal-kawza, sabiex din tinzamm milli tfixxklu fl-ezercizzju ta' dritt ta' passagg bil-vettura li huwa jallega li ghandu minn fuq raba mqabbla u mahduma mill-istess konvenuta .

"L-attur jidher illi qed jibbaza l-pretensjoni tieghu primarjament fuq ircevuta li giet rilaxxjata lilu minn Mario Corrieri, ghan-nom tas-sidien, fl-okkazzjoni fejn kien mar

flimkien mal-konvenuta Giuseppa Sultana ghandu, sabiex idawwru parti mir-raba li sa dak iz-zmien kienet ghadha mqabbla ghand l-istess konvenuta ghal fuq ismu u b'hekk jigi rikonoxxut direttament mis-sidien bhala inkwilin ta' dik il-parti li kien ha f'idejh . Din l-ircevuta datata t-23 ta' Awissu 1987 u esebita bhala "Dok. SS." f'wahda mis-seduti peritali tghid testwalment :

"*Salvu Sciberras hallas is-somma ta' tlettax liri maltin (Lm13) tal-qbiela fuq bicca art msejha ta' Bruni, limiti tax-Xaghra, Ghawdex, ta' circa sitt itmiem u l-uzu tal-passagg, ghas-sena li ghalqet fil-25 ta' Dicembru 1986."*

"Jirrizulta madankollu mix-xhieda ta' l-imsemmi Mario Corrieri illi dan qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex l-attur jiftah xi passagg minn go r-raba mqabbla lill-konvenuti u li r-referenza ghall-passagg f'dik l-ircevuta kienet saret fuq insistenza ta' l-attur stess.Ghas-sid ma kienet tfisser xejn ghajr illi l-attur, peress illi kien qed jiehu parti biss mir-raba li originarjamnet kienet imqabbla ghand ta' Sultana, kien xorta wahda ser jibqa' jgawdi mill-istess dritt ta' passagg li kellhom l-ahwa Sultana sabiex jaccedu ghar-raba taghhom . Din il-verzjoni Mario Corrieri sostniha f'kull okkazzjoni li kellu biex jixhed kemm f'din il-kawza u anke quddiem il-Qorti ta' l-Appell f'kawza kriminali li kienet giet istitwita kontra l-attur . Kif qal quddiem dik il-Qorti :

"….. *Jista' jkun li l-ircevuta li kont hrigt lil Salvatore Sciberras inkludiet l-uzu tal-passagg, pero' dan ghalija kien car li huwa l-uzu tal-passagg originali li kien jaghti ghar-raba u mhux xi passagg biex jaqsam ir-raba . Fil-fatt jiena kont determinat u deciz li ma jkunx hemm passaggi li jaghddu minn fuq parti mill-ghalqa originali u jaqsmuha* ….. "(ara verbal tax-xhieda moghtija fit-13 ta' Frar 1989, kopja ta' liema tinsab esebita a fol. 37 tal-process) .

"L-attur jibbaza wkoll il-pretensjoni tieghu fuq il-fatt illi meta gie biex jiftiehem mal-konvenuti dwar ic-cessjoni ta' parti mir-raba mahduma minnhom, kien hallashom is-somma ta' sitt mitt lira maltija (Lm600) kif jirrizulta mill-ircevuta datata l-20 ta' Jannar 1986, esebita bhala "Dok. SS. 1" fl-atti processwali . Ghalkemm il-konvenuti

sostnew fid-depozizzjoni taghhom illi dawk il-flus huma rcevewhom ghall-mithna tar-rih u l-giebja li kien hemm fil-parti tar-raba li kienu cedew lill-attur, dan jikkontendi illi ma kienx ser ihallas dawk il-flus ghall-mithna u l-ilma biss, imma appuntu sabiex ikun jista' jaghddi bil-vettura minn fuq ir-raba li kienet ser tinzamm mill-konvenuti, biex jaccedi ghall-parti li kienet ser taqa' f'idejh .

"Dwar dan l-allegat ftehim u s-suppost accettazzjoni tal-konvenuti li l-attur jghaddi bil-vettura minn go nofs ir-raba taghhom, il-Qorti thoss illi l-attur ma gabx provi sufficjenti . Irrizulta minnu illi l-konvenuti tassew ippermettew lill-attur jghaddi minn fuq ir-raba tahhom bil-vettura hekk kif kienu assenjawlu parti minnha, imma dan sar biss b'mera toleranza taghhom u mhux b'xi ftehim li kellu japplika sena wara l-ohra . Infatti, apparti dik l-okkazjoni partikolari, kull darba li kienu jindunaw li l-attur kien ghadda minn fuq ir-raba taghhom kienu joggezzjonaw mill-ewwel, anke permezz ta' sensiela ta' proceduri legali kontrih, konsistenti f' talbiet ghad-danni, kawza ta' spoll u sahansitra anke permezz ta' kwerela lill-Pulizija li istitwiet proceduri kriminali kontra tieghu . Barra minn hekk kull darba li l-attur kien iharbtilhom l-ghalqa taghhom, kienu jergghu jahdmuha u jizerghuha biex jelliminaw kwalunkwe hjiel ta' passsag minn go nofs ir-raba taghhom .

"F'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielhux jipprova sodisfacentement il-pretensjoni tieghu li huwa inghata drittt li jghaddi minn fuq ir-raba pposeduta mill-konvenuti kull darba li kien jenhtieglu jghaddi bil-vettura jew bl-ingenji kbar sabiex jaccedi ghal gewwa l-parti tar-raba li kienet giet ceduta lilu mill-istess konvenuti . Irrizulta evidenti illi huwa kellu jghaddi biss mill-passagg fuq in-naha tal-punent tar-raba, bhal ma kienu minn dejjem jghaddu l-konvenuti u kull min ried jidhol f'dawk l-inhawi .

"L-attur ma kellu ghalhekk l-ebda dritt illi minn jeddu jaqbad u jiftah passagg minn go nofs ir-raba mahduma mill-konvenuti b'detriment u hsara ghalihom u bi pregudizzju tas-sidien ."

**II L-APPELL**

4. L-attur hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk intavola appell minnha quddiem din il-Qorti permezz ta’ rikors ta’ appell prezentat fil-11 ta’ Lulju, 2001. Ghar-ragunijiet spjegati fl-istess rikors, l-attur appellant qieghed jitlob li din il-Qorti biex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddeciedi li tilqa’ t-talbiet attrici – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

5. Jirrizulta mill-atti li l-konvenuta Giuseppa Sultana mietet fil-21 ta’ Jannar 1993, u l-gudizzju gie trasfuz f’isem ohtha l-konvenuta Maria Giovanna Sultana b’digriet tal-10 ta’ Gunju, 1994. Jirrizulta wkoll li fil-mori ta’ dan l-appell mietet ukoll din il-konvenuta Maria Giovanna Sultana. Sussegwentenement, ezattament b’digriet tat-12 ta’ Gunju 2003, il-gudizzju gie trasfuz f’isem l-eredi ta’ Giovanna Sultana cioe` f’isem Francis Sultana.

6. Dan Francis Sultana (“l-appellat”) ikkontesta l-appell permezz rta’ isposta ta’ l-appellipprezentata minnu fl-4 ta’ Lulju, 2003. Ghar-ragunijiet spjegati minnu fl-istess risposta, huwa talab li din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant, wara li huwa rrileva li s-sentenza appellata timmerita li tigi kkonfermata ghar-ragunijiet spjegati minnu fl-istess risposta tieghu.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

7. Jirrizulta li l-konvenuti ahwa Sultana kellhom imqabbla ghandhom artijiet fil-Limiti tax-Xaghra, Ghawdex. Fis-sena 1986, huma assenjaw parti minn dan ir-raba bi qbiela lill-attur appellant, Salvu Sciberras. Sussegwenement, l-attur gie rikonoxxut direttament mis-sidien tar-raba in kwistjoni li kienu rapprezentati minn Mario Corieri. L-appellant jallega li meta l-konvenuti Sultana assenjawlu bi qbiela l-ghelieqi in kwistjoni, huma assenjawlu wkoll dritt ta’ passagg fuq parti minn ghalqa detenuta mill-konvenuti bi qbiela minghand l-istess sidien. Il-konvenuti Sultana irritenew li huma kienu ippermettew lill-attur jghaddi minn fuq l-ghalqa taghhom ghall-ghelieqi assenjati b’lokazzjoni lilhom ghall-ewwel sena biss pero`

huma cahdu li tawh xi dritt ta' passagg li kellu jibqa' jigi ezercitat sakemm huwa jibqa' jzomm bi qbiela l-ghelieqi in kwistjoni. Il-konvenuti dejjem sostnew li huma kienu jostakolawh meta baqa' jippersisti li juza l-ghalqa taghhom bhala passagg ghaliex sostnew li l-passagg li kellu d-dritt li juza' kien dak originali u li kien jezisti minn dejjem biex jaghti access lir-raba in kwistjoni. Billi l-kontendenti ma solvewx il-kwistjoni bejniethom l-attur ghamel l-odjern kawza li fiha qieghed jasserixxi l-allegazzjoni tieghu li ghandu d-dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa mqabbla lill-konvenuti u qieghed jitlob lill-Qorti biex izzomm lill-konvenuti milli jfixxkluh fl-ezercizzju ta' l-stess dritt ta' passagg bil-vettura.

8. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-attur ma rnexxielux jirriprova sodisfacentement il-pretensjoni tieghu cioe` li huwa kellu d-dritt li jghaddi minn fuq ir-raba possedut bi qbiela mill-konvenuti kull darba li kien jehtieglu jghaddi bil-vetturi u l-ingenji kbar tieghu biex jilhaq ir-raba mqabbel lilu. L-ewwel Qorti sabet ukoll li ghalkemm il-konvenuti kienu ppermettew lill-attur li jghaddi minn fuq ir-raba taghhom fl-epoka li fiha saret l-assenjazzjoni tal-qbiela favur tieghu, pero` dan sar b'mera tolleranza u mhux b'xi ftehim li kellu japplika sena wara l-ohra.

9. Bl-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed jikkontesta l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process. L-appellant jenfasizza tlett aspetti li fil-fehma tieghu kienu juru bic-car li meta huwa akkwista b'titolu ta' qbiela r-raba in kwistjoni, kien hemm kompriz ukoll dritt li jezercita passagg fuq parti mir-raba li wkoll kienet imaqbbla lill-konvenuti sabiex jasal ghar-raba li kien gie mqabbel lilu. Dawn it-tlett fatti huma s-segwenti:

"1. li mill-bidunett, wara li l-appellant akkwista d-drittijiet lokatizzji fuq ir-raba tieghu, huwa beda jghaddi bil-vettura tieghu minn fuq ir-raba fil-pussess tal-konvenuti;

2. li d-dritt ta' passagg jissemma' fl-ewwel ricevuta li saret minn Mario Corieri, kif ukoll fl-ircevuti sussegwenti; u

3. li l-appellant ghandu sitt itmiem raba u ma hux ragjonevoli li wiehed jistenna li l-access ghalihom ikun minn passagg bir-riglejn biss izda invece li dawn ghandhom ikollhom passagg adegwat cioe` passagg b'vettura."

L-appellant jghid li dawn il-fatti jindikaw l-intenzjoni tal-kontendenti li l-passagg in kwistjoni ikun parti mir-raba assenjat bi qbiela lill-attur appellat. Skond l-appellant l-uzu tal-passagg ma kienx b'mera tolleranza, kif irriteniet skorrettement l-ewwel Qorti ghaliex lanqas il-konvenuti stess ma allegaw li l-uzu ta' dan il-passagg kien b'xi tolleranza da parti taghhom.

10. In tema tad-dritt procedurali ghandu jigi rilevat li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah, a meno che ma jkunx hemm xi disposizzjoni tal-ligi li tghid il-kuntrarju (ara Artikolu 562 tal-Kap. 12). L-Artikolu 1009 tal-Kodici Civili, Kap. 16 jiddisponi li fid-dubju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni u favur dak li ntrabat bl-obbligazzjoni. B'applikazzjoni ta' dawn il-principji legali ghandu jigi rilevat li huwa l-attur, u mhux il-konvenuti, li ghandu jipprova dak li qieghed jallega f'din il-kawza, u, li f'kaz ta' dubju jew ambigwita`, l-interpretazzjoni ghandha tmur favur il-konvenuti. Principju iehor li gie kemm 'il darba ribadit minn din il-Qorti, hu illi din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni ma ghandhiex minghajr raguni gravi u impellenti, tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti.

11. Mill-provi migbura fil-process jidher li l-allegazzjoni ta' l-attur li huwa nghata dritt ta' passagg minn fuq l-art imqabbla lill-konvenuti, biex jaccedi ghall-ghelieqi mqabbla lilu, giet serjament kontradetta minn provi ohra. Il-konvenuti Maria Giovanna u Giuseppa ahwa Sultana t-tnejn ikkontradicew lill-attur. Giovanna Sultana in succint xehdet illi kienet tat permess lill-appellant li jghaddi minn fuq ir-raba mqabbel lilha ghal sena wahda biss. *Inter alia* hija xehdet hekk:

“Dak iz-zmien li krejtu kien qalli li jrid jahdem ir-raba, u jiena kont tajtu permess biex jghaddi minn fuq ir-raba tieghi iehor biex jahdem f’dik ic-cirkostanza. Iggifieri l-permess li tajtu kien biex jahdem ir-raba dak il-hin. Biex jghaddi biex jahrat ir-raba dak in-nhar, meta nghid dak in-nhar qed nifhem ghal dik is-sena li tajtu l-permess.”

Din ix-xiehda hija korroborata mix-xiehda ta’ PS261 Raymond Caruana li tinsab a fol. 31 tal-process. Dan *inter alia* xehed hekk:
“Fil-fatt jiena kont semmejt il-Giuzeppa u Giovanna Sultana, bir-reazzjoni ta’ l-appellant ghal ittra li kont ircevejt. Dawn qaluli li kienu tawh permess biex jghaddi darba, minghajr dettalji ta’ xejn, la naf bir-rigel, la naf bil-karozza, ma naf xejn. Jiena fhimt li d-darba li semmew kienet ghaz-zmien illi fih kienu krewlu.”

12. L-attur appellant qieghed jibbaza l-pretensjoni tieghu wkoll fuq l-ircevuta li giet rilaxxjata lilu minn Mario Corieri, ghan-nom tas-sidien, f’okkazzjoni meta l-appellant kien mar flimkien mal-konvenuta Giuseppa Sultana sabiex idawwar parti mir-raba fuq ismu u b’hekk gie rikonoxxut direttament mis-sidien bhala inkwilin ta’ dik il-parti li kien se jiehu f’idejh. Din ir-ricevuta, li kopja taghha tinsab esebita fil-process, issemmi “l-uzu tal-passagg” pero` ma tispecifika xejn aktar. Mario Corieri xehed *inter alia* hekk:
“Jista’ jkun li l-ircevuta li kont hrigt lil Salvatore Sciberras inkludiet l-uzu tal-passagg, pero` dan ghalija kien car li huwa l-uzu tal-passagg originali li kien jaghti ghar-raba u mhux xi passagg biex jaqsam ir-raba. Fil-fatt jiena kont determinat u deciz li ma jkunx hemm passaggi li jghaddu minn fuq parti mill-ghalqa originali u jaqsmuha.”

Meta dan ix-xhud xehed fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 1996, huwa qal hekk:
“Irrid nghid b’referenza ghax-xiehda ta’ Salvu Xiberras, illi dak li xehed huwa li jiena tajtu permess biex jiftah it-triq, dan assolutament ma hux minnu.

Meta jiena fl-ircevuta ktibtlu li hemm id-dritt ta’ passagg, dan kien jirreferi l-passagg ezistenti u mhux it-triq li ghamel huwa fl-istess raba, u li biha ghamel lilha hafna hsara.

Jiena qatt ma tajtu passaggi, ohra, u fehmtu meta ghamiltlu l-ircevuta li l-passag kien dak ezistenti.

Niftakar li huwa ried bil-fors li fl-ircevuta nnizzlu l-passagg, u jien ghidtlu;  mela hu nizzillek li ghandek dritt tghaddi minn dak il-passagg bhala ma jghaddu l-ohrajn.

Pero` l-ircevuta, jiena tajtu d-dritt li jghaddi mill-passagg ezistenti bhal haddieor, u xejn izjed.

Din kollha jiena diga` xehedtu quddiem il-Qorti Kriminali f’Ghawdex u kkonfermajtu quddiem l-Imhallef Wallace Gulia, fl-appell.”

13. Fid-dawl tal-provi migbura fil-process, din il-Qorti mhux biss ma sabet l-ebda raguni gravi li tintitolaha li tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda wkoll ghandha tghid li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta u cioe` li l-attur appellant ma rnexxielux jipprova sodisfacentement il-pretensjoni tieghu li huwa jgawdi d-dritt ta’ passagg fuq l-ghalqa in kwistjoni li tinsab imqabbli lill-appellant.  Lanqas huwa argument validu dak imressaq mill-appellant meta jghid li l-passagg alternattiv li kien disponibbli ghalih kien wiehed imprattikabli ghaliex huwa ghandu f’idejh sitt itmiem raba u mhux ragjonevoli li wiehed jistenna li jinhadmu jekk mhux minn passagg adegwat li jippermetti l-uzu ta’ ingenji kbar.  Dan l-argument ma jregix ghax bhala fatt irrizulta li hemm bdiewa ohrajn li jghaddu mill-passagg l-antik li huwa indikat bl-ittri FB (*footpath*) fil-pjanta esebita man-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-attur.  Huwa veru li dan il-passagg mhux komdu bizzejjed ghax probabilment ma jippermettix l-uzu ta’ ingenji kbar.  Madanakollu, il-kumdita` wahedha ma taghtix lok ghal dritt ta’ passagg ghaliex dan id-dritt irid jirrizulta minn titolu.  L-appellant ma rnexxielux jipprova dan it-titolu, ghaliex apparti l-

konsiderazzjonijiet li diga` ssemmew, ma huwa xejn verosmili li wiehed jipprezumi li l-awturi ta’ l-appellant kienu se jikkrejaw dritt ta’ servitu` ta’ passagg meta evidentement huma ma kellhomx dan id-dritt. Dan qed jinghad ghaliex il-kuntratt originali ta’ qbiela, cioe` l-att tas-7 ta’ Settembru 1932, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grech, jispecifika li l-gabillotti kellhom biss id-dritt ta’ passagg mill-passaggi li kienu attwalment jezistu. Infatti wahda mill-kundizzjonijiet ta’ dan il-kuntratt tghid hekk:
“che ciascuno di detti conduttori deve avere il diritto di passaggio dai passaggi che attualmente esistono.”

14. It-tieni aggravju ta’ l-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta prattikament irrikonoxxiet li l-konvenuti kellhom il-jedd li jiehdu l-ligi b’idejhom u jaqbdu u jostakolaw lill-attur fl-uzu tal-passagg li huwa beda jaghmel uzu bil-kunsens tal-konvenuti. Hija haga evidenti li l-ewwel Qorti tat kredibbilita` akbar lix-xiehda tal-konvenuti milli lix-xiehda ta’ l-attur. Kienu proprju ghalhekk li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-attur ma rnexxielux jipprova l-pretensjoni tieghu kontenuta fl-att tac-citazzjoni. Mhuwiex korrett l-appellant meta jghid li l-ewwel Qorti prattikament irrikonoxxiet li l-konvenuti ghandhom il-jedd li jiehdu l-ligi b’idejhom u jaqbdu u jostakolaw lill-attur fl-uzu tal-passagg in kwistjoni. Dak li ghamlet l-ewwel Qorti huwa li laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti li kienet tghid li l-attur ma nghata l-ebda access gdid meta saret ic-cessjoni ta’ parti mil-lokazzjoni ta’ l-ghelieqi in kwistjoni u konsegwentement cahdet it-talba ta’ l-attur li kienet intiza li l-Qorti tinibixxi lill-konvenuti milli bi kwalunkwe mod jippruvaw jimblukkaw jew ifixxklu lill-attur fl-uzu tal-passagg in kwistjoni. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju huwa ghal kollox infondat.

14. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li anke l-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu kollha a karigu ta’ l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------